**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru: 67/2023MLF**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Martin Zammit**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmint elef, mija u tlettax-il Euro u sebgha u sebghin centezmu (€8,113.77), bilanc ghad-debitu fil-consumer loan account tal-konvenut mas-socjeta attrici (Dok A1 sa A3 – annessi mar-rikors promotur) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2023 sal-jum tal-pagament effettiv.

   U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 19 ta' Ottubru 2010 (Dok. B – anness mar-rikors promotur) u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta attrici, kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici u b'hekk il-konvenut ddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta’ Marzu 2020 (Dok. C – annessa mar-rikors promotur) u tal-mandat ta’ sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn iddikjara:

   1. Illi mhux qed jopponi t-talba limitatament ghal bilanc dovut u l-imghax kuntrattwali.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

5. Fir-risposta tieghu, il-konvenut ma opponiex ghat-talbiet tas-socjeta attrici ghal hlas ta’ €8,113.77, bilanc minn ammont akbar dovut minnu, wara li s-socjeta attrici ikkoncedietlu *loan facility,* u ghall-imghaxijiet fuq din is-somma li jiddekorru mis-7 ta’ Marzu 2023 – kif gie mitlub fl-avviz - sad-data tal-pagament effettiv.

6. Effettivament, is-socjeta attrici tellghet bhala xhud lil Jason Zerafa, rapprezenant taghha, li ikkonferma li l-ammont ta’ €8,113.77 kien ghadu dovut, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess somma, li kienu ghadhom jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

7. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-ammont mitlub u l-imghax relattiv gew dibitament ippruvati.

8. Pero, il-konvenut qed jopponi t-talba ghall-hlas tal-ispejjez in konnessjoni mal-proceduri odjerni, u dan ghal erba’ ragunijiet elenkati fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, u cioe:

   i. Is-socjeta attrici ma ipprezentat l-ebda prova li saru xi tentattivi sabiex huwa jigi mitlub ihallas l-ammont dovut, qabel intavolat il-proceduri odjerni;
   ii. Huwa dam snin twal jghix ma’ ommu marida u jiehu hsiebha tant li tilef l-impjieg, u kien qed jaghmel l-almu tieghu sabiex ihallas lis-socjeta attrici.

iii. Il-fondi sabiex jissodisfaw l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ilhom gimghat shah milqutin mill-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, intavolat flimkien mal-rikors promotur, u giet intavolata cedola ta' depozitu. Minkejja dan il-fatt, l-imghax ghadu jiddekorri fuq dawn il-fondi, u qed jikkawza zbilanc bejn it-tgawdija tas-socjeta attrici u d-detriment tieghu.

iv. It-talba tas-socjeta attrici fir-rikors promotur hija inqas mit-talba li hija kienet ghamlet fl-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-konvenut kien oppona ghaliha. Ghalhekk l-ispejjez ta' din id-differenza fit-talba ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici, ai termini tal-Artikolu 166A(3) (c) tal-Kapitolu 12.

9. Rigward is-sottomissjoni tal-konvenut li dawn il-proceduri huma intempestivi, din il-Qorti ma tistax tifhem, u l-konvenut ma ghamel l-ebda attentat biex jispjega ghal liema raguni qed jippretendi li s-socjeta attrici kellha tinterpellah biex ihallas qabel tipprocedi b'dan il-proceduri. Il-konvenut ovvjament kien jaf li kellu *loan facility* mas-socjeta attrici, li mill-atti jirrizulta li ilha mit-23 t'Ottubru 2010, u f'dawn l-ahhar snin ma kienx qed ikun regolari fil-pagamenti, minkejja li skond is-sanction letter kien obbligat li jaghmel pagamenti mensili ta' mija u sebgha u disghin Euro u erba' centezmi (€197.04) fuq perjodu ta' hames snin. Ghalhekk it-terminu biex ihallas il-loan skada f'Ottubru 2015. Meta fid-9 ta' Marzu 2020, is-socjeta attrici baghtitlu ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, ir-risposta tieghu kienet li kien qed jopponi ghat-talba *"stante li l-istess hija infondata fil-fatt u fid-dritt."* Il-fatt li f'dawn il-proceduri, il-konvenut ammetta mill-ewwel li l-ammont kien dovut huwa irrilevanti, u ma jikkostitwixxi l-ebda prova tal-buona volonta tieghu. Dak li naqas li jghid il-konvenut hu li mit-13 ta' Dicembru 2020 sad-data li fiha gew intavolati dawn il-proceduri, cioe l-14 ta' Marzu 2023, hu ghamel biss zewg pagamenti ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull wiehed.[1]

10. Ghalkemm fuq bazi umana, wiehed seta' forsi jissimpatizza mal-konvenut fuq il-mard li kellu fil-familja, kieku ressaq il-provi fir-rigward f'dawn il-proceduri – haga li ma ghamilx – mil-lat legali l-problemi familjari tieghu bl-ebda mod ma jaffetwaw jew jimmitigaw l-obbligi tieghu versu s-socjeta konvenuta. Fi kwalunkwe kaz, mill-atti

[1] Ara fol. 4 tal-process.

jirrizulta ampjament li s-socjeta attrici kienet indulgenti hafna mal-konvenut, u minkejja li s-self suppost thallas kollu sa Ottubru 2015, hija intavolat dawn il-proceduri biss fl-14 ta' Marzu 2023, iktar minn seba' (7) snin wara. Ghalhekk il-konvenut kellu aktar minn hin bizzejjed biex ihallas dan is-self u l-imghax relattiv.

11. Il-konvenut jilmenta wkoll li l-flus pretizi mis-socjeta attrici jinsabu depozitati l-Qorti, u minkejja dan l-imghax fuqhom ghadu jiddekorri. Jekk verament gara dan, huwa kaz ta' *imputet sibi* – jekk il-konvenut kellu l-flus disponsibbli biex ihallas l-ammont minnu dovut lis-socjeta attrici, kien fl-interess tieghu li juza dawn il-flus biex jehles mid-debitu tieghu, u mhux jibqa' jtrattjeni biex ihallas, tant li s-socjeta attrici ma kelliex xelta hlief li tistitwixxi dawn il-proceduri.

12. Rigward it-trovata tal-konvenut li l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri huwa inqas mill-ammont mitlub fl-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A, u allura m'ghandux ihallas l-ispejjez tad-differenza, il-Qorti tirrileva illi l-konvenut kien ikollu ragun kieku s-socjeta attrici f'dawn il-proceduri talbet l-istess ammont li hija talbet fl-ittra ufficjali, u din il-Qorti cahdet parti mit-talba taghha. Fil-kaz odjern, din il-Qorti ma cahdet l-ebda parti mit-talba tas-socjeta konvenuta, anzi l-konvenut mill-ewwel iddikjara li t-talba kienet gustifikata.

13. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tordna li s-socjeta attrici thallas xi parti tal-ispejjez. Is-socjeta attrici inghatat ragun mill-konvenut stess fil-meritu, u ghalhekk hija l-parti rebbieha fil-kawza odjerna, f'liema kawza ma gie deciz l-ebda punt difficli tal-ligi.

**Konkluzjoni**

14. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta attrici, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmint elef, mija u tlettax-il Euro u sebgha u sebghin centezmu (€8,113.77), bl-imghax mis-7 ta' Marzu 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Marzu 2020 u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**